MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Numru 820/2004

Avukat Peter Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Automobiles Peugeot
vs
Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Luisa Tufigno li b'digriet tat-30 ta' Novembru 2004 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lis-socjeta` estera CHN 1316 Nameless Enterprise Co. Ltd.

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ppremetta:

Peress illi l-attur nomine kien il-proprjetarju tad-drittijiet registrati bhala Community Trademarks ma' l-Office for Harmonization in the Internal Market ta' l-Unjoni Ewropea msejjha 'PEUGEOT' u Lion Device', liema drittijiet kienu gew registrati l-ewwel darba fid-29 ta' Ottubru 1998 u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 000190033 u 000190025 rispettivament;

Peress illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u erba' (2004) gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta kien dahal container bin-numru ECMU 9523139 fuq il-vapur CMA CGM EIFFEL liema container kien fih tliet mija u sittin (360) bumpers with side lamps, mija u disghin (190) spoilers bojod, sitt mija (600) J5 Rear Bumpers, mija u ghoxrin (120) front grille with lamp, mitejn u tmenin (280) head lamps ghall-vettura tal-marka Peugeot 504, mija u tmenin (180) head lamps ghall-vettura tal-marka Peugeot 505, elf (1,000) horn, erbat elef (4,000) door handles, tmien mija (800) traffic front grille, mitejn u erbghin (240) head lamps ghall-vetturi tal-marka Peugeot 405, hames mija u erba' (504) body moulding, tmien mija (800) marka tal-'Lion Device', u tmien mija (800) carton packing kollha tal-marka PEUGEOT, li l-attur nomine kien issusspetta li kienu foloz;

Peress illi mill-kampjuni li kienu ttiehdu mill-attur nomine kien irrizulta li l-auto spare parts kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' AUTOMOBILES PEUGEOT, u li l-imsemmija trademarks ta' AUTOMOBILES PEUGEOT riprodotti fuq l-ippakkeggjar ta' l-auto spare parts kienu foloz (Dok. AP 2);
Peress illi l-attur nomine kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspetta gewwa Malta (Dok. AP 3) sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghal decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Peress illi din il-merkanzija kienet inqabdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana kien jaf biss min kellu jircievi l-konsenja tal-merkanzija cioe` CHN 6033 SARL IBN AOUF IMP & EXP REGAIGUI ET CIE COOP f'El Fetah El Eulma 19600 Setif, Algeria;

L-attur nomine talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konsenja ta' auto spare parts tal-marki 'PEUGEOT' u Lion Device' misjuba fil-container numru ECMU 9523139 li kien wasal fil-Port Hieles, Marsaxlokk, fuq il-vapur CMA CGM EIFFEL, kienu foloz, u

dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tiddikjara li l-manufatturar u l-produzzjoni ta' dawn l-auto spare parts minn terzi persuni mhux maghrufa, jilledi d-drittijiet ta' l-attur nomine bhala proprjetarju registrat, skond il-ligi, tal-marki 'PEUGEOT' u Lion Device';

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u l-Pulizija Ezekuttiva jew min minnhom sabiex fil-prezenza ta' l-attur nomine jew rapprezentant tieghu, jiddistruggu a spejjez tal-konvenuti nomine l-auto spare parts foloz fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi interessi fuq id-depozitu necessarju sabiex il-merkanzija nzammet Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, l-ispejjez sabiex il-container u l-merkanzija nzammew mill-istess Dipartiment tad-Dwana, l-ispejjez dovuti in konnessjoni ma' l-eliminazzjoni tal-merkanzija falsa kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Louisa Tufigno li eccepew:

1. Illi f'dan l-istadju huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza billi ma kienux ghadhom ikkomunikaw mas-socjeta` estera minnhom rappresentata.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit tal-attur nomine Dr. Peter Fenech li fih issemma li hu kien gie mahtur bhala mandatarju tas-socjeta` estera Automobiles Peugeot sabiex jistitwixxi l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom. Fuq struzzjonijiet tal-klijenti tieghu, Automobiles Peugeot ta' 75, Avenue de la Grande Armee, 75016 Paris, Franza, u wara li saret l-applikazzjoni lid-Dwana ta' Malta a termini ta' l-artikolu 6 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jinzamm taht il-kustodja taghha tlett mija u sittin (360) ***bumpers with side lamps***, mija u disghin (190) ***spoilers*** bojod, sitt mija (600) ***J5 Rear Bumpers***, mija u ghoxrin (120) ***front grille with lamp***, mitejn u tmenin (280) ***head lamps*** ghall-vettura tal-marka Peugeot 504, mija u tmenin (180) ***head lamps*** ghall-vettura tal-marka Peugeot 505, elf (1,000) ***horn***, erbat elef (4,000**)** ***door handles***, tmien mija (800) ***traffic front grille***, mitejn u erbghin (240) ***head lamps*** ghall-vetturi tal-marka Peugeot 405, hames mija u erba' (504) ***body moulding***, tmien mija (800) marka tal-***'Lion Device'***, u tmien mija (800) ***carton packing*** kollha tal-marka Peugeot misjuba go ***container*** ECMU 9523139 fuq il-vapur CMA CGM EIFFEL, talab lid-Dwana sabiex jinfurmawh bid-dettalji ta' l-importatur/konsenjatarju, il-***container*** imsemmi u l-merkanzija maqbuda. Fuq talba tieghu, fit-13 ta' Ottubru 2004 id-Dwana tatu kampjuni tal-oggetti maqbuda u hu baghathom lill-klijenti tieghu Parigi sabiex isiru l-ezamijiet necessarji dwar l-awtenticita` o meno tal-merkanzija. Sussegwentemnt kien gie nfurmat permezz ta' rapport mahrug mill-ufficcju responsabbli tas-socjeta' attrici li l-kampjuni kienu foloz.

Gie prezentat affidavit ta' George Scerri ufficjal tad-Dwana bhala Fizzjal fis-Sezzjoni tal-Infurzar li fih issemma li fid-29 ta' Settembru 2004 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu kien gie nfurmat mill-ufficjal Chris Magri li ***container*** numru ECMU 952313/9 kien wasal minn Shanghai ic-Cina mal-vapur CMA-CGM Eiffel fis-26/9/2005 u kien infetah. Dan kien qed igorr ***auro parts*** tal-marka Peugeot. Dan il-container kien infetah minhabba li d-dikjarazzjoni fil-

manifest kienet tghid li l-kontenut kellu jkun ***Tanks & other Armoured Fighting*** u ghalhekk it-taqsima tad-Dwana Non Proliferation flimkien mal-Forzi Armati spezzjonaw il-kontenut ghal kull eventwalita`. Zied jghid li l-polza ta' taghbija kienet taqra 449 ***Cartons Auto Spare Parts***. Hu kien gie msejjah biex jindaga fuq din l-anomalija kif ukoll fuq il-prodotti nnifishom u fuq jekk kienux genwini jew kontrafatti.

Ezami tal-prodott indika li dawn il-parts aktarx kienu foloz u dan ghar-ragunijiet li elenka. Qal li hu kien attenda seminar xhur qabel u hemmhekk ir-rapprezentant tal-Peugeot sahaq fuq l-indikazzjonijiet ghal kif wiehed ghandu jaghraf il-prodotti genwini minn dawk foloz. Hu kien gie nfurmat minn Michel Coulaty direttur mill-Parts and Services Division li huma kienu hatru lid-ditta Ganado Sammut Advocates biex tirrapprezentahom fil-Qrati ta' Malta.

Fit-12 ta' Ottubru 2004 il-***container*** gie trasferit mill-Freeport Terminal ghal gol-imhazen tad-Dwana f'Newport Stores il-Marsa. Hu elenka l-oggetti li kienu nstabu. Sussegwentement kien gie nfurmat minn Dr. Galea li kienu nfethu proceduri fil-Qorti in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-kumpanija attrici ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna l-attur nomine ma gie kontradett.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. Peter Fenech kien gie mahtur mandatarju tas-socjeta` Automobiles Peugeot biex jistitwixxi l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom. Irrizulta li fil-25 ta' Settembru 2004 dahal gol-Port Hieles ***container*** numru ECMU 9523139 li kien fih ***auto parts***. L-oggetti maqbuda nzammu mill-Kontrollur tad-Dwana fi Newport Stores il-Marsa. Dr. Fenech inghata kampjuni u dawn intbaghatu Parigi biex jigu ezaminati u jigi stabbilit jekk dawn kienu originali jew

foloz. Irrizulta li dawn l-oggetti kienu foloz. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Scerri ufficjal tad-Dwana bhala Fizzjal fis-Sezzjoni tal-Infurzar li semma li l-***container*** kien gie miftuh biex jigi ezaminat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti nomine ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 17 et tal-process hemm ir-rapport li nhareg minn Valentine Varga li tahdem fil-Legal Department tas-socjeta` attrici u fih jinghataw ir-ragunijiet ghaliex gie deciz li l-oggetti huma foloz. It-talba attrici ma hi b'ebda mod kontradetta.

L-azzjoni attrici hi bazata fuq dak li tipprovdi l-Ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Valentine Varga, tal-Ufficjal tad-Dwana George Scerri u ta' Dr. Peter Fenech, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-konsenja ta' auto spare parts tal-marki 'PEUGEOT' u 'Lion Device' misjuba fil-container numru ECMU 9523139 li kien wasal fil-Port Hieles, Marsaxlokk, fuq il-vapur CMA CGM EIFFEL kienu foloz.

Tiddikjara li l-manufatturar u l-produzzjoni ta' dawn ***l-auto spare parts*** minn terzi persuni mhux maghrufa, jilledi d-drittijiet ta' l-attur nomine bhala proprjetarju registrat, skond il-ligi, tal-marki 'Peugeot' u 'Lion Device'.

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u l-Pulizija Ezekuttiva jew min minnhom sabiex fil-prezenza ta' l-attur nomine jew rapprezentant tieghu, jiddistruggu a spejjez tal-konvenuti nomine l-***auto spare parts*** foloz u dan fi zmien xahar mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine, b'dan li provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------